MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 903/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**
**VS**
**JUSTIN DEAN DARMANIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Justin Dean Darmanin ta' 23 sena, bin Anthony u Theresa nee' Spiteri, mwieled Pieta' fil- 21 ta' Dicembru 1988, residenti 32, Triq il- Preistorja, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 5289M ;

Talli f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b' mezzi kontar l- ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn €232.94, izda mhux aktar minn €2,329.37;

2) Talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi kkommetta serq ta' petrol, liema serq hu aggravate bil-valur, bil- hin u bil- mezz, ghad- dannu ta' Henry Falzon ID 504232M u jew Falcon Ltd 40-45, Mdina Road, Zebbug u/jew Auto Market Service Station;

3) Aktar talli volontarjament hassar, jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobbli li l- ammont tal- hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-piena ghal dan il-kaz. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat skopra metodu

minn fuq l-internet ta’ kif tista’ tiehu l-petrol mill-magni awtomatici billi dejjem tuza l-istess karta ta’ flus. L-imputat wahhal bicca “sticky tape” twila ma’ karta ta’ €20, b’mod illi kull darba jitfa’ dik il-karta ta’ flus fil-magna u jimla l-vettura bil-petrol, jigbed il-karta barra mill-magna permezz tal-istess “sticky tape” imwahhla maghha. Ghalhekk ikun dejjem qed juza l-istess karta ta’ flus, u jisraq b’kemm irid petrol mill-magna.

Il-Qorti giet infurmata li l-imputat kien hallas kollox lura lid-derubat qabel ma bdiet il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita’ minn flok piena, anke in vista tal-eta’ tenera tal-istess imputat, tal-fedina penali netta tieghu, u tal-ammissjoni bikrija. Kwantu ghall-imputazzjonijiet moghtija, il-fatti tal-kaz jinkwadraw taht is-serq u mhux taht dawk ta’ frodi, ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, li inghatat bhala alternattiva ghat-tieni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(b), 264(1), 267, 270, 325(1)(b), 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, stante li din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------